

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 1 - Konsultazzjoni ma' avukat

1 - Konsultazzjoni ma' avukat

Kif issib avukat?

Kull avukat Belġjan jiddependi mill-Avukatura tad-distrett ġudizzjarju fejn jinsab l-uffiċċju tiegħu. Fi Brussell, din hija magħmula minn żewġ ordnijiet, waħda li tiġbor fiha lill-avukati li jikkellmu bil-Franċiż, u l-oħra li tiġbor fiha l-avukati li jikkellmu bl-Olandiż.

Il-Kulleġġ tal-Avukati Frankofoni u Ġermanofoni (*Ordre des Barreaux francophones et germanophone - O.B.F.G*) jinkludi lill-avukati tar-reġjun tal-Vallonja u lill-avukati Franċiżi ta' Brussell (*ordre français bruxellois*).

L-ordni Olandiża tal-kapitali u l-avukati Fjammingi huma miġbura fl-*"Orde van de Vlaamse Balies"* (O.V.B.)

Il-lista tal-avukati tinsab fuq id-direttorju jew fil-Yellow Pages, jew fuq l-Internet (<https://avocats.be> jew <http://www.advocaat.be/>). Tista' tfittex avukat li normalment jiddefendi persuni mħarrka quddiem il-qrati kriminali billi tfittex taħt "termini preferenzjali" (*'voorkeurmaterie'* bl-Olandiż), titlu "liġi kriminali" (*"strafrecht"* bl-Olandiż).

Tista' wkoll issib avukat qrib tiegħek, billi tagħmel tfittxija skont il-belt jew id-distrett ġudizzjarju.

Is-segretarjat ta' kull avukatura jista' wkoll jagħtik il-lista tal-avukati tagħha.

Tista' wkoll tikkuntattja direttament avukat li ġie rakkomandat lilek, permezz tal-posta elettronika, ta' ittra jew bit-telefown.

Kif tħallas lill-avukat?

Normalment inti trid tħallas lill-avukat. Jista' jitolbok depożitu qabel kwalunkwe intervent. Il-liġi ma tistabbilixxix l-ammont tad-drittijiet tal-avukat. Madankollu, l-avukat għandu jinfurmak dwar kif ser jitħallas: jew ħlas bis-siegħa skont il-ħin li tiegħu d-difiża tiegħek jew somma fissa skont l-azzjoni meħtieġa (konsultazzjoni, qari tal-każ, difiża, ...).

Ma' dawn jiżdiedu l-ispejjeż imġarrba mill-uffiċċju tiegħu u l-ispejjeż tal-ġudikatura.

Jekk m'għandekx ir-riżorsi meħtieġa biex tħallas lill-avukat tiegħek, tista' titlob għajnuna legali bla ħlas lill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali li minnu jiddependi l-avukat tiegħek. Il-lista tal-uffiċċju ta' kull distrett hija disponibbli fuq l-Internet:

- [bil-Franċiż](#),
- [bl-Olandiż](#).

Jekk inti tirċievi għajnuna soċjali mħallsa mis-C.P.A.S (Ċentru Pubbliku tal-Għajnuna Soċjali), dñul garantit lill-anzjani, benefiċċji ta' sostituzzjoni ta' dñul għall-persuni b'diżabbiltà, għandek xi tfal dipendenti minnek li jirċievu benefiċċji tal-familja, inti inkwilin ta' dar soċjali, għadek taħt l-età, għandek xi dejn (aġġudikazzjoni kollettiva), int ħabsi, akkużat imħarrek b'multa jew għandek xi mard mentali, inti tingħata għajnuna legali ta' avukat bla ħlas.

Dan japplika wkoll jekk inti tgħix waħdek u għandek dñul fix-xahar ta' inqas minn €860, jew jekk inti tgħix ma' xi ħadd ieħor u t-total tad-dñul tal-adulti li jgħixu miegħek huwa ta' inqas minn €1.104 (flimkien ma' €145,16 għal kull persuna dipendenti).

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.